**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 1118/2018 MS*

**Carmelo Bonnici**

**Vs.**

**Raymond Bonnici u Giovanna sive Joan Falzon**

Illum, 15 ta' Lulju, 2024

Kawża Numru: 6

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fis-7 ta' Novembru 2018 li permezz tiegħu huwa ppremetta:

> Illi fit-22 ta` Mejju 2012 f'Tal-Qroqq, l-Imsida mietet omm il-kontendenti, Amelia Bonnici mart Francis Bonnici u l-wirt tagħha huwa regolat b'testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar tal-14 ta` Ottubru 1998 fejn hija:

a. Ħalliet l-użufrutt ġenerali tal-ġid tagħha lil żewġha Francis Bonnici
b. Innominat bħala werrieta universali tagħha lill-uliedha Carmelo sive Charles, Raymond u Giovanna sive Joan mart Anthony Falzon f'sehem indaqs bejniethom
c. B'titolu ta` prelegat konsegwibbli wara l-mewt tagħhom, in piena assoluta proprjetà ħalliet lil bintha Giovanna Falzon id-dar ta` residenza tagħhom 14, ittra F, Triq Birżebbuġa, Tarxien u lill-uliedha Raymond u Carmelo sive Charles Bonnici l-fondi urbani 65 u 66 Vjal Simmons, Tarxien.

Illi fis-26 ta` Ottubru 2017 miet missier il-kontendenti, Francesco Saverio Bonnici, u l-wirt tiegħu huwa regolat b'testment fl-atti tan-Nutar Tanya Farrugia tas-6 ta` Ġunju 2016 li permezz tiegħu, wara li ħassar kull testment li għamel qabel dakinhar, ħalla b'titolu ta` prelegat lill-uliedu intimati l-fondi 65 u 66 Vjal Simmons, Tarxien u apparti dan, ħalla lill-bintu l-intimata Giovanna Falzon prelegat ieħor tal-effetti kollha mobbli li jinsabu mill-għatba 'l ġewwa tal-fond numru 42 Triq Birżebbuġa, Tarxien u ħalla lill-intimati bħala eredi universali f'sehem indaqs bejniethom u ddispona illi r-rikorrenti jkollu d-dritt għall-leġittima. Fit-testment tiegħu ma għamel l-ebda eżenzjoni mill-kollazzjoni.

Illi l-esponenti permezz ta` nota ppreżentata quddiem il-Qorti Ċivili, Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja ddikjara li qed jirrinunzja għall-wirt ta` missieru salv id-dritt tal-porzjoni riżervata lilu spettanti skond il-liġi.

Illi l-wirt tal-ġenituri tar-rikorrenti għadu ma nqasamx u ma ġiex diviż

u sussegwentement għadda biex jitlob lil din il-Qorti jogħġobha:

i. Tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi tal-eredità ta` Amelia Bonnici; u
ii. tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati minnha provduti skond it-testment fuq imsemmi lill-kontendenti;
iii. fir-rigward tal-kumplament tal-ġid tal-imsemmija Amelia Bonnici, tordna illi f'dak li jirrigward mobbli, li dawn jiġu diviżi fi tlett porzjonijiet u porzjoni tiġi assenjata lil kull wieħed u waħda mill-partijiet, mentri dak li jirrigwarda l-immobbli, li kull parti jkollha sehem ta` terz indiviż minn tali proprjetà;
iv. tistabilixxi l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' Francesco Saverio Bonnici kif wkoll dawk l-assi kollha li skond l-liġi jittieħdu in konsiderazzjoni biex tiġi kalkolata l-porzjoni riservata spettanti lill-esponenti, komprizi wkoll il-beni

kollha, mobiljari u mmobiljari li ġew mogħtija b'mod dirett jew b'mod indirett mill-istess Francesco Saverio Bonnici lill-intimati;

v. tillikwida l-valur tal-istess assi stabiliti skond r-raba talba u tiffissa l-porzjoni riżervata lill-esponenti skond il-liġi mil-ġid ta Francesco Saverio Bonnici;

vi. tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu l-porzjoni riżervata hekk stabbilita flimkien mal-interessi fuq l-istess porzjoni riżervata mis-26 ta` Ottubru 2017 sad-data ta` pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fil-21 ta' Jannar 2019[1], li permezz tagħha huma eċċepew hekk:

Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-eredita ta' Amelia Bonnici diga giet stabbilita u l-eredita taghha ghaddiet favur l-eredi ta' l-istess oltre li kull immissjoni li kien hemm xi ssir, giet esegwita u qatt ma kien hemm kontestazzjoni fuq l-istess, u ghaldaqstant, l-azzjoni attrici, rigwardanti l-eredita ta' Amelia Bonnici, hija superfluwa u vessatorja stante li qatt ma kien hemm disgwid jew kontestazzjoni jew xi forma ta' interpellazzjoni dwar l-istess;

Illi ghal dak li jirrigwardja l-eredita ta' Francesco Saverio Bonnici, l-assi ereditarji ta' l-istess diga giet stabbilita, anke bil-partecipazzjoni u l-involviment tar-rikorrenti, u anke hawn, stante li qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwar l-istess, l-azzjoni attrici hija superfluwa u vessatorja;

Illi l-konvenuti ilhom li accettaw li jhallsu lir-rikorrenti il-porzjon riservata lill-esponenti, u dan a bazi ta' valutazzjoni ta' l-assi ereditarji ta' Francesco saverio Bonnici, liema valutazzjoni hija superjuri ghal dik accettata u maqbula bejn il-kontendenti, u l-istess rikorrenti ma accettax l-istess hlas hekk dovut lilu;

Illi l-konvenuti qatt ma jistghu jigu ikkundannati jhallsu l-interessi fuq l-istess porzjon riservat, u dan stante li kien ir-rikorrenti li minnghajr l-ebda raguni valida, m' accettax dak offrut lilu mill-konvenuti;

Illi kien ir-rikorrenti, wara li kien approva il-hatra ta' Perit flimkien mal-konvenuti, u wara li kien accetta u hallas tal-

[1] A fol.11.

valutazzjoni maghmula mill-istess perit, li biddel hsiebu meta sar jaf li l-istess Francesco Saverio Bonnici kien halla a favur ta' l-istess rikorrenti il-porzjon riservata fil-Ligi, li ma accettax dak dovut lilu, u beda jaghmel talbiet li jmorru oltre dak provdut fil-Ligi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha miġbura waqt is-smigħ tal-kawża, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-kontendenti;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

6. Illi l-kontendenti huma aħwa, u wlied il-mejtin Francesco Saverio u Amelia konjuġi Bonnici. L-attur irid li ssir il-qasma ta' parti mill-eredità tal-omm, u jrid ukoll is-sehem riservat li jmiss lilu mill-eredità tal-missier.

7. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu li l-eredità tal-omm diġà ġiet likwidata u stabbilita, filwaqt li kien l-attur li rrifjuta li jitħallas is-sehem riservat li jmiss lilu mill-eredità tal-missier, liema sehem riservat ġie kalkolat u komputat abbażi ta' valutazzjoni magħmula minn perit inkarigat u mħallas mill-kontendenti kollha.

8. Il-fatti ewlenin u l-aktar rilevanti huma dawn:

   i) Amelia Bonnici mietet fit-22 ta' Mejju 2012 filwaqt li żewġha Francesco Saverio Bonnici miet fis-26 t'Ottubru 2017;

   ii) is-suċċessjoni ta' Amelia Bonnici hija regolata minn testment *unica charta* magħmul fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar fl-14 t'Ottubru 1998[2], li permezz

[2] Kopja eżebita a fol.246. Għalkemm in-Nutar Pierre Cassar jirriżulta li xehed fl-udjenza tal-15 t'Ottubru 2019 (fol.244), it-traskrizzjoni tax-xiehda tiegħu ma setgħetx issir (ara fol.257) u għalhekk xehed mill-ġdid fl-udjenza tal-20 ta' Mejju 2021 (a fol.422).

tiegħu hija nnominat lill-kontendenti bħala eredi universali tagħha, soġġett għall-użufrutt ġenerali favur missierhom, l-armel tagħha. Permezz tal-ħames artikolu ta' dan it-testment, it-testaturi ħallew «*b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara mewthom it-tnejn in piena u assoluta proprieta it-testaturi jħallu lil (a) binthom Giovanna mart Anthony Falzon id-dar tar-residenza tagħhom numru erbatax ittra F (14F) fi Triq Birzebbugia, Tarxien (b) uliedhom Raymond u Carmelo sive Charles il-fondi urbani numri ħamsa u sittin (65) u sitta u sittin (66) f'Simmons Avenue, Ħal-Tarxien*»;

iii) irriżulta wkoll li s-suċċessjoni ta' Francis Saviour Bonnici, missier il-kontendenti, ġiet regolata b'testment pubbliku li huwa għamel fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia fis-6 ta' Ġunju 2016[3]. Permezz tiegħu, huwa ħassar kull testment preċedenti magħmul minnu, u għamel dawn id-dispożizzjonijiet:

- ħalla lill-konvenuti b'titolu ta' prelegat il-fondi bin-numru ħamsa u sittin (65) u sitta u sittin (66) fi Triq Simmons f'Tarxien;
- ħalla lill-konvenuta l-effetti kollha mobbli li jinsabu fil-fond numru 42, Triq Birzebbugia, Tarxien;
- ħalla lill-attur il-leġittima skont il-liġi;
- innomina bħala werrieta tiegħu lill-konvenuti, bis-sostituzzjoni volgari favur uliedhom;

iv) l-attur jgħid li l-omm kellha beni parafernali konsistenti minn:

- kwart ($^1/_4$) indiviż mill-fond bin-numru 24, ġjà 103, Triq Bordin, Imsida, mikri lil Doris Vella;
- sehem wieħed minn erbgħa u erbgħin ($^1/_{44}$) indiviż mill-fond bin-numru 23, ġjà 101, Triq Bordin, Imsida, mikri lil Carmelo u Julie Tabone;[4]

v) l-attur jgħid li l-missier kellu beni parafernali konsistenti minn:

[3] Kopja legali ta' dan it-testment hija eżebita a fol.230.
[4] Ara x-xiehda bil-mezz tal-affidavit tal-attur, a fol.22.

(a) razzett b'art annessa miegħu ta' kejl superfiċjali ta' ċirka 3,536 metri kwadri magħruf bħala "Taż-Żilfa", li għandu n-numru 310 fi Triq San Tumas, Tarxien[5]. Din il-proprjetà hi mikrija lil Anthony Manicolo, u qablu, lill-ommu Helen Manicolo[6];

(b) sehem ta' żewġ kwinti ($^2/_5$) indiviżi minn fond bl-isem "St Mary" bin-numru 68, fi Triq Simmons, Tarxien;

(c) fond bin-numru 65, fi Triq Simmons, Tarxien. Dan il-fond kien mikri lil Carmela Zammit bil-kera ta' €53.72 kull tliet xhur[7]. L-inkwilina mietet fit-18 t'Ottubru 2019[8]. Il-fond ingħata lura lis-sidien wara skrittura privata li saret fis-26 ta' Settembru 2018[9];

(d) fond bin-numru 66, fi Triq Simmons, Tarxien;

(e) art magħrufa bħala l-Isqajjaq t'Isfel, fit-Triq tal-Barrani f'Tarxien tal-kejl superfiċjali ta' 481.10 metri kwadri;

(f) sehem ta' kwint ($^1/_5$) indiviż minn art li tinsab l-Isqajjaq t'Isfel, fit-Triq tal-Barrani f'Tarxien tal-kejl superfiċjali ta' 1,680 metri kwadri;

(g) dirett dominju fuq il-fond bin-numru 39, "Ave Maria" fi Triq Lorenzo Gonzi f'Tarxien, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €11.41 (magħruf bħala "ta' Barbara");

(h) dirett dominju fuq il-fond bin-numru 37, "Rudabel" fi Triq Lorenzo Gonzi f'Tarxien, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €9.32 (magħruf bħala "ta' Barbara");

(i) dirett dominju fuq il-fond (a) "St Joseph" fi Triq Lorenzo Gonzi u Triq tal-Barrani f'Tarxien, liema ċens jammonta għal €34.24 (magħruf bħala "ta' Borg");

---

[55] Irriżulta li l-konvenuti biegħu din il-proprjetà għall-prezz ta' €2,600,000 b'kuntratt riċevut min-Nutar Jean Paul Farrugia fit-12 ta' Frar 2020 (a fol.374).

[6] Ara x-xiehda ta' Anthony Manicolo, a fol.279.

[7] Ara r-riċevuti eżebiti minn fol.283-292.

[8] Ara x-xiehda ta' Mary Cauchi, a fol.280.

[9] A fol.282.

(j) dirett dominju fuq il-fond (b) "St Joseph" fi Triq Lorenzo Gonzi u Triq tal-Barrani f'Tarxien, liema ċens jammonta għal €27.33 (magħruf bħala "ta' Borg");[10]

(k) sehem ta' kwint (1/5) indiviż taċ-ċens fuq art fi Triq Lorenzo Gonzi u Triq tal-Barrani, f' Tarxien, tal-kejl ta' 1,925 metri kwadri, liema ċens huwa ta' €51.02 fis-sena (magħruf bħala "ta' Patinjott");

(l) sehem ta' kwint (1/5) indiviż taċ-ċens fuq art fi Triq Lorenzo Gonzi u Triq tal-Barrani, f' Tarxien, tal-kejl ta' 1,156.23 metri kwadri, liema ċens huwa ta' €16.77 fis-sena (magħruf bħala "ta' Schembri");

(m) id-dar residenzjali tad-*de cuius* u ċjoè l-fond bin-numru 42, fi Triq Birzebbugia, Tarxien;[11]

vi) irriżulta li l-konjuġi Bonnici kellhom xi kontijiet bankarji, li jistgħu jiġu elenkati hekk:

- kont konġunt bin-numru 0120116309050[12] miżmum għand HSBC Bank Malta plc. Meta mietet Amelia Bonnici, l-kont kellu bilanċ ta' €802.76. Il-kont ingħalaq ftit wara l-mewt tagħha;
- kont f'isem Amelia Bonnici bin-numru 012001004050[13] miżmum għand HSBC Bank Malta plc. Ma jidhirx li kien fih bilanċi fiż-żmien tal-mewt tagħha;
- kont b'terminu fiss f'isem Amelia Bonnici bin-numru 012001004100[14] miżmum għand HSBC Bank Malta plc b'kapital depożitat fih fis-somma ta' €9,317.50 fiż-żmien tal-mewt tagħha;
- kont b'terminu fiss f'isem Amelia Bonnici bin-numru 012001004101[15] miżmum għand HSBC Bank Malta plc b'kapital depożitat fih fis-somma ta' €6,241.41 fiż-żmien tal-mewt tagħha;

---

[10] L-attur xehed li dan id-dirett dominju, u dak imsemmi fil-paragrafu mmedjatament preċedenti, infdew permezz ta' ċedola ta' depożitu bin-numru 826/2018 preżentata fid-29 ta' Mejju 2018, għall-prezz ta' €1,231.40.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.22-23, kif ukoll l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* magħmul fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar fit-23 t'Ottubru 2018 (a fol.397).
[12] Rendikont eżebit bħala Dok MD1 a fol.83.
[13] Rendikont eżebit bħala Dok MD2 a fol.109.
[14] Rendikont eżebit bħala Dok MD3 a fol.111.
[15] Rendikont eżebit bħala Dok MD4 a fol.124.

- kont b'terminu fiss f'isem Amelia Bonnici bin-numru 012001004102[16] miżmum għand HSBC Bank Malta plc b'kapital depożitat fih fis-somma ta' €2,329.37 fiż-żmien tal-mewt tagħha;
- kont ta' tfaddil f'isem Francis Saviour Bonnici bin-numru 013242557050[17] miżmum għand HSBC Bank Malta plc. Dan il-kont jidher li nfetaħ wara l-mewt ta' Amelia Bonnici. L-ammont depożitat fih fiż-żmien tal-mewt ta' missier il-kontendenti kien €26,341.84;

vii) irriżulta wkoll li l-konjuġi Bonnici kellhom investimenti u strumenti finanzjarji miżmuma ma' Malta Stock Exchange plc[18];

viii) il-fond residenzjali tal-missier, u ċjoè l-fond bin-numru 42, fi Triq Birzebbugia, Tarxien, ingħata mill-missier lill-konvenuta b'kuntratt ta' donazzjoni magħmul fl-atti tan-Nutar Tanya Farrugia fil-15 ta' April 2016[19]. Fuq il-kuntratt ġie dikjarat li dan il-fond għandu valur ta' €198,000;

ix) l-ispejjeż tal-funeral tal-missier jirriżulta li ammontaw għal €1,912.72[20];

x) l-attur xehed li wara l-mewt tal-missier, hu u ħutu marru għand in-Nutar Pierre Cassar li tahom parir jinkarigaw perit biex jistma l-ħwejjeġ immobbli sabiex issir id-dikjarazzjoni *causa mortis*. L-attur jgħid li sa dak iż-żmien, huwa kien taħt l-impressjoni li s-suċċessjoni tal-missier kienet regolata mit-testment *unica charta* li kien sar mal-omm[21]. Għalhekk hu qabel li jiġi nkarigat perit b'mod konġunt ma' ħutu l-konvenuti. L-attur jgħid li kien mingħalih li l-valutazzjoni kienet meħtieġa biss għal skop ta' taxxa, tant li meta l-perit ħejja din il-valutazzjoni, hu u ħutu marru jkellmuh biex jipperswaduh ibaxxi l-istima tal-art taż-Żilfa. Kien biss fl-4 ta' Ġunju 2018 li l-attur sar jaf bit-testment revokatorju magħmul mill-missier fis-6 ta' Ġunju

16 Rendikont eżebit bħala Dok MD5 a fol.134.
17 Rendikont eżebit bħala Dok MD6 a fol.144.
18 Ara fol.65-74.
19 Kopja legali ta' dan il-kuntratt hija eżebita a fol.233.
20 Ara fol.212.
21 Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta, a fol.381, kif ukoll ix-xiehda tal-konvenuta in kontro-eżami, a fol.450.

2016[22]. Il-konvenut ukoll xehed li huwa ma kienx jaf li sar testment ieħor minn missieru, u ċaħad li sar jaf bil-kontenut tiegħu qabel l-attur[23].

xi) l-attur bagħat ittra uffiċċjali lill-konvenuti għall-ħlas tas-sehem riservat fl-14 ta' Ġunju 2018;

9. Sabiex jassistiha f'din il-kawża, din il-Qorti kif diversament presjeduta ħatret perit tekniku sabiex jistma wħud mill-beni mmobbli ndikati mill-attur bħala provenjenti mill-wirt tal-ġenituri. Din il-valutazzjoni saret darbtejn, u ċjoè b'relazzjoni preżentata fit-28 ta' Ġunju 2023[24] li fiha l-beni ġew stmati b'riferenza għaż-żmien tar-relazzjoni, u b'relazzjoni oħra preżentata fl-1 ta' Diċembru 2023 li fiha l-beni ġew stmati b'riferenza għaż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni tal-missier[25]. Il-perit tekniku ġie eskuss dwar l-ewwel relazzjoni tiegħu mill-konvenuti[26], u dwar it-tieni relazzjoni tiegħu mill-attur[27].

10. Esposti r-riżultanzi ta' fatt ewlenin li jistgħu jinġabru mill-atti proċesswali, imiss issa li l-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak li qed jintalab mill-attur u dwar dak li ġie eċċepit mill-konvenuti.

***L-eredità ta' Amelia Bonnici***

11. Min-noti ta' sottomissjonijiet skambjati bejn il-kontendenti, għandu jirriżulta li l-kwistjoni ewlenija, jekk mhux unika, fir-rigward tal-eredità ta' Amelia Bonnici tirrigwarda l-legat imħolli minnha permezz tat-testment tagħha tal-14 t'Ottubru 1998.

12. Il-Qorti tosserva li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jsostnu li l-kwistjonijiet trattati mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ma jirriżultawx kompriżi fil-parametri tal-azzjoni stabbiliti mill-attur stess permezz tal-att promotur tal-kawża. Iżda l-Qorti tosserva li fl-att li bih inbdiet din il-kawża, l-attur qed jitlob *inter alia* l-immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija mit-testatriċi. Talba li ċertament tinkludi

[22] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.24.
[23] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.298.
[24] Inserita a fol.503.
[25] Inserita a fol.582.
[26] Ara t-tweġibiet in eskussjoni, a fol.570.
[27] Ara t-tweġibiet in eskussjoni, a fol.595.

l-kwistjonijiet trattati mill-attur fis-sottomissjonijiet tiegħu. Il-konvenuti jsostnu wkoll li ma fadal xejn xi jsir dwar il-wirt tal-omm, billi kull legat li kien dovut tħallas. Mill-atti però ma jirriżultax li l-legat imħolli lill-attur permezz tal-ħames artikolu tat-testment tal-14 t'Ottubru 1998 ġie eżegwit, u għalhekk huwa doveruż għal din il-Qorti li tqis jekk dan il-legat huwiex konsegwibbli mill-attur.

13. Id-dispożizzjoni testamentarja in kwistjoni, kontenuta fil-ħames artikolu tat-testment preċitat, tgħid hekk:

> B'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara mewthom it-tnejn in piena u assoluta proprieta it-testaturi jħallu lil
> (a) binthom Giovanna mart Anthony Falzon id-dar tar-residenza tagħhom numru erbatax ittra F (14F) fi Triq Birzebbugia, Tarxien
> (b) uliedhom Raymond u Carmelo sive Charles il-fondi urbani numri ħamsa u sittin (65) u sitta u sittin (66) f'Simmons Avenue, Ħal-Tarxien

14. Dan it-testment kien ġie sussegwentement revokat minn Francis Bonnici, iżda baqa' jikkostitwixxi l-aħħar rieda ta' Amelia Bonnici, tant li s-suċċessjoni tagħha hija regolata minn dan it-testment. Huwa evidenti li l-prelegat imħolli minnha permezz tal-ħames artikolu ta' dan it-testment ġie magħmul «*konsegwibbli wara mewthom it-tnejn*», u ċjoè wara l-mewt taż-żewġ testaturi. Kif jgħid tajjeb l-attur, din il-kondizzjoni apposta għad-dispożizzjoni testamentarja in kwistjoni tolqot iż-żmien tat-twettiq tagħha iżda mhux il-validità sostantiva jew formali tagħha. Fil-fatt l-artikolu 717 tal-Kodiċi Ċivili jgħid: «*Il-kondizzjoni li, fil-ħsieb tat-testatur, hija magħmula biss sabiex tissospendi l-esekuzzjoni tad-dispożizzjoni tat-testment, ma timpedix lill-werriet jew lil-legatarju milli jkollu jedd miksub li jista' jgħaddi lill-werrieta tiegħu ukoll qabel ma tiġri l-kondizzjoni*».

15. Din id-dispożizzjoni tixbah ħafna dik tal-artikolu 1041 tal-Kodiċi Napoljoniku. ***Troplong*** spjega li: «*Questo articolo non è se non l'applicazione del principio, che, quando la condizione sospende solo l'esecuzione è non la disposizione, questa è pura e semplice. Purum est legatum quia non conditione, sed mora suspenditur*»[28]. Dwar l-istess dispożizzjoni, ***Marcadè*** fisser ruħu hekk:

[28] Delle Donazioni tra Vivi e de'Testamenti (Napoli, 1856), §2135.

> Quando il legato è sottomesso a una condizione, e questa condizione non è adempiuta prima della morte del testatore, non più per effetto della morte, ma per l'adempimento della condizione si apre e divien trasmissibile ai suoi rappresentanti il dritto del legatario.
> Ma, beninteso, è d'uopo che l'avvenimento preveduto formi veramente una condizione, cioè che sospenda la disposizione medesima, rendendono dubbia l'esistenza; se l'avvenimento, senza rendere incerta l'esistenza del dritto, ne ritardasse soltanto l'esecuzione, allora, malgrado l'espressione inesatta dell'art.1041, non sarebbe più una condizione, sarebbe un termine. In quest'ultimo caso il legato si aprira sempre con la morte del testatore, e sebbene l'avvenimento non venga ad avverarsi che dopo la morte del legatario fin dall'apertura della successione è da lui trasmesso ai suoi rappresentanti.[29]

16. F'dan is-sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Victor Cauchi nomine vs. Mario Tabone*** (Qorti t'Għawdex, 4/12/2007[30]) fejn ġie ritenut: «*Jiġifieri, minkejja li l-legat in kwistjoni seta' jiġi perċepit biss wara l-mewt tas-superstiti fost it-testaturi, fil-każ tagħna Hilda Debrincat, il-legatarju, ġialadarba seħħet dik il-kondizzjoni, laħaq akkwista d-drittijiet tiegħu retroattivament b'effett mill-apertura tas-suċċessjoni tat-testatur, u ċioe' mill-mewt tiegħu*».

17. Hekk ukoll fil-każ odjern huwa ċar mil-lokuzzjoni adoperata fid-dispożizzjoni testamentarja taħt eżami li l-kondizzjoni dwar il-mewt taż-żewġ testaturi tolqot iż-żmien li fih għandu jitwettaq il-legat, u mhux l-eżiġibilità sostantiva tiegħu.

18. Id-diffikultà dwar il-pretensjonijiet tal-attur dwar dan il-legat tinsab f'dak li jipprovdi l-artikolu 696 tal-Kodiċi Ċivili:

> (1) Il-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ma jiswiex, ħlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu; f'dan il-każ il-werriet jista' jagħżel jew li jakkwista l-ħaġa mħollija b'legat sabiex igħaddiha lil-legatarju, jew li jħallas lil-legatarju l-valur ġust tagħha.

[29] Corso Elementare di Diritto Civile Francese (Napoli, 1857), Vol.III, §185.
[30] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Novembru 2008.

> (2) Iżda, jekk il-ħaġa hekk imħollija b'legat, għalkemm tkun ta' ħaddieħor fi żmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi żmien il-mewt tiegħu, il-legat ta' dik il-ħaġa huwa validu.

19. Irriżulta mix-xiehda tal-attur stess li l-fondi mħollija bil-legat imsemmi kienu jappartjenu lil Francis Bonnici b'mod parafernali, li jfisser li t-testatriċi Amelia Bonnici ma kellha ebda sehem minn dawn il-proprjetajiet. Fit-testment imkien ma saret dikjarazzjoni mit-testatriċi li din taf li l-proprjetà hija ta' żewġha u mhux tagħha. L-artikolu 696 kien oriġinarjament promulgat bħala l-artikolu 396 tal-Ordinanza VII tal-1868. Fin-notamenti tiegħu dwar din id-dispożizzjoni, Sir Adriano Dingli kiteb: «*Sardo 814. Parmense 683 e 800 conf. Diritto Romano in sostanza senonchè questo permette la prova estrinseca della scienza di essere la cosa altrui, mentre l'articolo presente non permette altra prova che quella che risulti dal testamento...*». Dan għalhekk ifisser li mhux ammessa l-prova orali li t-testatriċi kienet taf li dawn il-beni ma kienux tagħha, għaliex mingħajr l-inklużjoni tad-dikjarazzjoni opportuna fit-testment, il-legat ma jkollux effett.

20. Tqum il-kwistjoni jekk din id-dikjarazzjoni tibqax meħtieġa fejn il-proprjetà legata tkun tappartjeni lit-testatur l-ieħor fuq it-testment *unica charta*.

21. Fid-deċiżjoni ***Paolo Zammit vs. Rosa Zammit***[31] ġie miżmum:

> Illi mill-premess jidher li skond il-liġi tagħna hija kondizzjoni essenzjali għall-validità tal-legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor id-dikjarazzjoni mit-testatur innifsu fit-testment tal-appartenenza tal-ħaġa lil ħaddieħor. Mhix rikjesta ebda klawsola jew formola speċjali. U huwa wkoll indifferenti jekk it-testatur jieħu żball fl-identità tal-proprjetarju... però huwa meħtieġ li jkun hemm dejjem din id-dikjarazzjoni...

22. Il-ħtieġa mposta mil-liġi għad-dikjarazzjoni mit-testatur hija ċara u tassattiva (ara ***Carmelo Borg pro et noe vs. Doris armla ta' Carmelo Borg***, Appell Superjuri, 9/3/1994)[32]. Fil-kawża ġjà ċitata ***Zammit vs. Zammit***, il-Qorti tal-Appell irraġunat illi

[31] Kollezz. XLI.i.448.
[32] Kollezz. LXXVIII.ii.89.

l-konsegwenza tan-nullità mposta mil-liġi kienet l-applikazzjoni tal-volontà preżunta tat-testatur. Fissret ruħha kif ġej:

> Id-dispożizzjoni tal-legat ta' ħaġa ta' ħadd ieħor hi bażata, fiż-żewġ ipotesijiet, fuq il-preżunta volontà tat-testatur (Pacifici Mazzoni, Vol.VI, paġ. 46). Jekk hu ma kienx jaf li l-ħaġa legata kienet, "in toto" jew in parti, ta' ħadd ieħor, allura hu loġiku li wieħed jgħid li in realtà hu ried iħalli biss dak li kellu hu; u għalhekk, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni, il-liġi trid li l-legat ma jiswiex, jew jiswa in parti, għax tippreżumi li t-testatur, kieku kien jaf, kien, jew ma jiddisponi xejn mill-oġġett, jew jiddisponi biss mill-parti tiegħu. Jekk, għall-kuntrarju, it-testatur jiddikjara li jaf li l-oġġett tal-legat ma hux tiegħu, "in toto" jew in parti, anki hawn si tratta ta' interpretazzjoni tal-volontà tiegħu, fis-sens li, ġa ladarba kien jaf, allura vwoldiri li l-volontà tiegħu kienet li jħalli l-legat ċjò non ostanti.

23. Applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern, isegwi li t-testatriċi hija preżunta li ma kinitx tħalli dan il-legat lill-attur u lill-konvenut, li kieku kienet taf u tifhem li l-immobbli legati ma kienux tagħha. In-nuqqas tad-dikjarazzjoni meħtieġa mill-artikolu 696 toħloq dik il-preżunzjoni li hija waħda *iure et de iure*. Preżunzjoni li tapplika anki fejn it-testment li fih tkun tħalliet barra din id-dikjarazzjoni jkun sar flimkien mas-sid tal-oġġetti in kwistjoni.

24. Kif osservat fid-deċiżjoni ***Maria Pace et vs. Maria Melita Cachia et*** (Prim'Awla, 16/6/2003), il-ġurisprudenza anterjuri kienet tqis validu legat ta' ħaġa ta' ħaddieħor magħmul mir-raġel dwar beni tal-komunjoni tal-akkwisti anki mingħajr id-dikjarazzjoni neċessarja skont l-artikolu 696, u dan bl-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-amministrazzjoni tal-assi tal-komunjoni li kienu ġew, żmien ilu, abrogati[33]. Il-pożizzjoni llum għalhekk hija li «*...il-ħtieġa tad-dikjarazzjoni li l-oġġett mhuwiex kollu tat-testatur imsemmija fl-Artikoli 696 u 698 tal-Kodiċi Ċivili ġiet tgħodd ukoll anke f'każijiet ta' legati ta' oġġetti li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin*» (***Carmel sive Charles Micallef vs. Joseph Frederick Micallef et***, Appell Superjuri, 25/5/2023).

[33] Ara, per eżempju, ***Rosa Darmanin vs. Sacerdote Don Angelo Copperstone nomine ed altri*** (Prim'Awla, 13/8/1925 – Kollezz. Vol.XXVI.ii.156).

25. Il-konklużjoni għalhekk hi li l-legat pretiż mill-attur huwa invalidu b'applikazzjoni tal-artikolu 696 tal-Kodiċi Ċivili.

26. Fit-talbiet dedotti minnu fir-rikors ġuramentat tiegħu, l-attur irid ukoll li tiġi stabbilita l-konsistenza tal-eredità ta' omm il-kontendenti, kif ukoll li ssir il-qasma biss fir-rigward tal-oġġetti mobbli formanti parti minn dik l-eredità.

27. Anki f'dan ir-rispett il-konvenuti jopponu billi jsostnu li l-eredità ta' Amelia Bonnici u l-konsistenza tal-assi tagħha «*diġà ġew sorvolati bejn l-eredi kollha tagħha ossia l-attur u l-esponenti tramite l-causa mortis tal-istess Amelia Bonnici, datata tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012)*». Filwaqt li qabel xejn, il-Qorti tosserva li ma jidhirx li l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* wara l-mewt ta' Amelia Bonnici ġie eżebit, l-eżistenza ta' dak l-att notarili ma jnaqqas xejn mill-validità jew mill-ħtieġa tat-talbiet relattivi dedotti mill-attur. L-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* jirrigwarda biss l-attiv immobbli li jkun trażmess b'wirt, u ma jinkludi b'ebda mod attiv ieħor mobbli, tanġibbli jew intanġibbli, li jista' jkun jifforma parti mill-istess eredità. Barra minn hekk, talba sabiex tiġi stabbilita l-konsistenza ta' dawk l-assi hija solitament preordinata għal talba li tirrigwarda l-qsim ta' dawk l-assi. L-attur fil-kawża odjerna fil-fatt inkluda wkoll talba għall-qsim, li dwarha l-Qorti se tkun qed tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha aktar 'il quddiem.

28. Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li mill-atti proċesswali, jirriżulta li fiż-żmien tal-mewt tagħha, Amelia Bonnici kellha s-segwenti assi:

- kwart ($^{1}/_{4}$) indiviż mill-fond bin-numru 24, ġjà 103, Triq Bordin, Imsida, mikri lil Doris Vella;
- sehem wieħed minn erbgħa u erbgħin ($^{1}/_{44}$) indiviż mill-fond bin-numru 23, ġjà 101, Triq Bordin, Imsida, mikri lil Carmelo u Julie Tabone;
- kont konġunt bin-numru 0120116309050[34] miżmum għand HSBC Bank Malta plc. Meta mietet Amelia Bonnici, l-kont kellu bilanċ ta' €802.76. Il-kont ingħalaq ftit wara l-mewt tagħha;

[34] Rendikont eżebit bħala Dok MD1 a fol.83.

- kont f'isem Amelia Bonnici bin-numru 012001004050[35] miżmum għand HSBC Bank Malta plc. Ma jidhirx li kien fih bilanċi fiż-żmien tal-mewt tagħha;
- kont b'terminu fiss f'isem Amelia Bonnici bin-numru 012001004100[36] miżmum għand HSBC Bank Malta plc b'kapital depożitat fih fis-somma ta' €9,317.50 fiż-żmien tal-mewt tagħha;
- kont b'terminu fiss f'isem Amelia Bonnici bin-numru 012001004101[37] miżmum għand HSBC Bank Malta plc b'kapital depożitat fih fis-somma ta' €6,241.41 fiż-żmien tal-mewt tagħha;
- kont b'terminu fiss f'isem Amelia Bonnici bin-numru 012001004102[38] miżmum għand HSBC Bank Malta plc b'kapital depożitat fih fis-somma ta' €2,329.37 fiż-żmien tal-mewt tagħha;
- 39,600 sigurtajiet tat-tip 5.1% MGS 2014 (III);
- 4,659 sigurtajiet tat-tip 5% MGS 2021;
- 23,294 sigurtajiet tat-tip 4.8% MGS 2016 (II);
- 6,000 sigurtajiet tat-tip 4.6% MGS 2020 (II).

29. Dak l-attiv konsistenti minn depożiti bankarji u strumenti finanzjarji huwa preżunt li kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti favur Francis u Amelia konjuġi Bonnici, bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1321(1) tal-Kodiċi Ċivili. Ebda prova ma nġiebet sabiex tingħeleb il-preżunzjoni *iuris tantum* maħluqa f'dik id-dispożizzjoni. Isegwi għalhekk li huwa **<u>nofs</u>** dak l-attiv li jista' jitqies li jappartjeni lil Amelia Bonnici fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni, ċjoè fit-22 ta' Mejju 2012. Din il-preżunzjoni ma tapplikax għall-attiv immobbli, billi l-attur xehed li dak l-attiv huwa parafernali tat-testatriċi[39].

30. Stabbilita l-konsistenza tal-ereditá, jonqos li tiġi kkunsidrata t-talba tal-attur għall-qsim. Din taqra hekk:

[35] Rendikont eżebit bħala Dok MD2 a fol.109.
[36] Rendikont eżebit bħala Dok MD3 a fol.111.
[37] Rendikont eżebit bħala Dok MD4 a fol.124.
[38] Rendikont eżebit bħala Dok MD5 a fol.134.
[39] Ara x-xiehda bil-mezz tal-affidavit tal-attur, a fol.22.

> fir-rigward tal-kumplament tal-ġid tal-imsemmija Amelia Bonnici, tordna illi f'dak li jirrigward mobbli, li dawn jiġu diviżi fi tlett porzjonijiet u porzjoni tiġi assenjata lil kull wieħed u waħda mill-partijiet, mentri dak li jirrigwarda l-immobbli, li kull parti jkollha sehem ta` terz indiviż minn tali proprjetà

31. Effettivament dak li qed jitlob l-attur huwa li l-Qorti taqsam l-attiv mobbli, u tħalli lill-werrieta fi stat ta' indiviżjoni għal dak li jirrigwarda l-ħwejjeġ immobbli. L-attur għalhekk qed jitlob diviżjoni parzjali. Dan però kuntrarjament għal dak li ġie sottomess minnu fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu, fejn huwa ppropona li l-Qorti tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-immobbli. Il-Qorti jidhrilha li t-talbiet dedotti f'kawża ma jistgħux jinbidlu waqt il-kors tagħha permezz ta' sottomissjonijiet, anki jekk miktuba. Fit-talbiet tiegħu, l-attur ma talabx id-diviżjoni tal-immobbli, u anzi talab espressament dikjarazzjoni li permezz tagħha l-Qorti tikkonferma l-istat t'indiviżjoni preżentament veljanti bejn il-kontendenti. Għalkemm il-ġurisprudenza dejjem irriteniet li f'kull każ fejn tintalab id-diviżjoni, il-Qorti hija libera li tagħżel il-*modus divisionis* li jkun fl-aħjar interess tal-komproprjetarji u m'hijiex ristretta għall-mod mitlub mill-attur[40], jibqa' dejjem ċert li talba għall-qsim trid tkun saret. F'dan il-każ, l-attur bl-aktar mod ċar u espliċitu ħalla barra l-immobbli mit-talba għad-diviżjoni tiegħu, u l-Qorti ma tistax ħlief tiddeċiedi skont it-talbiet li għandha quddiemha, inkella tkun qed tinkorri fid-difett ta' *extra* jew *ultra petitae*.

32. Illi kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Joseph Borg vs. Emanuela Vella et***[41]: «*Diviżjonijiet parzjali ma jistgħux jiġu konċessi mill-Qorti jekk xi wieħed mill-kopropjetarji jopponi diviżjoni ta' parti mill-kopropjetà u mhux tal-kopropjetà kollha. Diviżjoni hi mmirata biex permezz tagħha tiġi tterminata l-komunjoni u dan l-iskop ta' l-azzjoni ma jintlaħaqx jekk kemm-il darba dik l-azzjoni tkun limitata b'mod li tħalli l-kontendenti fl-istat komunitarju, jew, ahjar, konsorti*».

33. Illi l-Qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Giorgio Pulo vs. Francesco Pulo***[42]**.** F'din il-kawża, l-attur talab illi ssir diviżjoni fejn

---

[40] Ara f'dan is-sens ***Corner Foodstore Company Ltd vs. Alexander George Caruana Soler*** (Prim'Awla, 18/3/2024).
[41] 3/3/1995.
[42] 1/2/1936, u ppubblikata fil-Vol.XXIX.II.940.

hu jingħata sehmu, mentri l-komproprjetarji l-oħra, lkoll konvenuti, jibqgħu in komuni bejniethom. Fir-rigward, dik il-Qorti, presjeduta mill-Imħallef W. Harding, osservat:

> Illi per regola d-diviżjonijiet parzjali ma humiex ammissibbli, għaliex id-diviżjoni għandha bħala skop li tittermina l-komunjoni, u kwindi jidher ġuridikament kontrosens li ssir diviżjoni u intant jibqa' l-komunjoni. Imma l-kunsens tal-kollitiganti jista' jiġġustifika eċċezzjoni għal din il-massima. Hekk kien ritenut fid-Dritt Ruman. "Familaie erciscundae judicium amplius quam semel agi non potest nisi causa cognita. Quod si quaedem res indivisae relictae sunt comuni dividundo de his agi potest" (Lex 20, Dig. Fam. Erciscund.). U l-Lex 13, Dig De Com. Dividundo, kienet tgħid :- "In judicium comuni dividundo omnes res veniunt, nisi si quid fuerit ex comuni consensu exceptum nominatim ne veniat" Inoltri, l-ġudikant meta hemm il-kunsens tal-kollitiganti kollha, għandu jsegwi kemm jista' jkun il-massima "judicem in praediis dividendis quod omnibus utilissimum est, vel quod malint litigatores sequi convenit".

34. Illi riferenza ssir ukoll għall-kawża ***Carmela Mallia et vs. Andrew Bezzina et***[43], fejn ġie osservat:

> Illi huwa prinċipju bażiku illi meta diversi persuni jipposjedu ħaġa in komun u jixtiequ li jiddividuha bejniethom qabel xejn għandhom jistabilixxu il-parti, jew il-kwota li kull wieħed minnhom għandu jieħu minn din il-proprjeta sabiex lil kull wieħed minnhom tingħata il-parti mill-proprjetà komuni illi tappartjeni lilu. Illi huwa legalment insostenibbli illi tintalab diviżjoni ta' proprjeta in komun sabiex wieħed jieħu il-kwota tiegħu tanġibbli u b'hekk ma jibqax in komunjoni ma' terzi iżda, kif qegħdin jitolbu l-atturi, jibqgħu in komun da parti mal-kondividenti l-oħra għaliex dan ikun jammonta għal diviżjoni parzjali illi tista' issir biss bil-kunsens tal-koproprjetarji kollha.

35. Fl-istess sens hija d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Force Trading Limited et vs. Josephine Schembri et***[44], liema deċiżjoni fiha rassenja utili ta' ġurisprudenza dwar din il-materja, li tikkonferma li diviżjoni parzjali għandha titqies ammissibbli biss jekk ikun jokkorri l-kunsens tal-komproprjetarji kollha.

36. Issa fil-każ odjern ma jistax jingħad illi l-konvenuti qiegħdin jaqblu mad-diviżjoni parzjali proposta mill-attur. Anzi, l-konvenuti jgħidu li t-talbiet kollha tal-attur huma

---

[43] Prim'Awla, 25/11/2011, u mhux appellata.
[44] 28/1/2016, u mhux appellata.

superfluwi u bla bżonn – pożizzjoni li ma tistax tiġi ekwiparata ma' aċċettazzjoni li ssir diviżjoni parzjali tal-eredità tal-omm. Għal din ir-raġuni, it-tielet talba tal-attur ma tistax tiġi akkolta, salv id-dritt tiegħu li jipproponi azzjoni oħra għall-qsim totali ta' dik l-eredità jekk din tibqa' neċessarja.

***<u>L-eredità ta' Francesco Saverio Bonnici</u>***

37. L-attur qed jitlob ukoll il-likwidazzjoni tas-sehem riservat li skont il-liġi jmissu mill-wirt ta' missieru.

38. Il-Qorti tinnota li l-kontendenti ressqu bosta mill-provi tagħhom fir-rigward tal-istejjem li kienu saru qabel il-kawża, u ċjoè dwar min qabbad lill-perit jagħmel dawk l-istejjem, min ħallas għalihom, il-kuntest li fih saru u għaliex l-attur ma baqax jaqbel ma' dawk l-istejjem. Iżda kif taraha l-Qorti, dan kollu huwa irrilevanti.

39. Il-fatt jibqa' li l-attur mhux qed jaqbel ma' dawn l-istejjem, u ma jidhirx li l-kontenut tagħhom jista' jiġi mpost fuqu f'din il-kawża. Biex l-istejjem magħmula mill-Perit Avallone jistgħu jiġu mposti fuq l-attur, iridu jkunu finali u vinkolanti fil-konfront tiegħu u tal-konvenuti, u biex dan ikun il-każ, dawk l-istejjem kellhom isiru mill-Perit imsemmi fit-twettiq ta' ħatra li tkun mogħtija lilu bis-saħħa ta' ftehim ta' kompromess jew inkella ta' klawsola kompromissorja. Ma sar ebda ftehim bħal dak bejn il-kontendenti, u għalhekk l-attur għandu kull dritt li jqis ruħu mhux vinkolat bl-istejjem tal-imsemmi perit. Naturalment, jekk jirriżulta li dawk l-istejjem kienu korretti u għalhekk il-ħatra ta' perit tekniku f'din il-kawża kienet żejda, il-konsegwenza tkun li l-attur iġorr l-ispejjeż ta' dik il-ħatra.

40. Francesco Saverio Bonnici miet fis-26 t'Ottubru 2017. Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw il-jedd tas-sehem riservat, preċedentement imsejħa leġittima, huma l-artikoli 615 sa 621. Dawn id-disposizzjonijiet ġew emendati bl-artikolu 58 sa 62 tal-Att XVIII tal-2004. L-artikolu 116(2) ta' dak l-Att jipprovdi li l-artikolu 58 sa 62, fost artikoli oħra, «*japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ*». Issa l-emendi promulgati permezz tal-artikoli 58 sa 62 tal-Att XVIII tal-2004 daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 2005, permezz tal-Avviż Legali 48/2005. Dan l-Avviż Legali daħħal fis-seħħ id-disposizzjonijiet rimanenti tal-Att XVIII tal-2004, wara li l-

uniċi disposizzjonijiet li kienu ingħataw effett sa dakinhar kienu l-artikoli 110, 113 u 115, li daħlu fis-seħħ fl-4 ta' Frar, 2005, bis-saħħa tal-Avviż Legali 37/2005.

41. L-akbar differenza mwettqa permezz ta' dawn l-emendi kienet dik li s-sehem riservat fuq il-beni tal-mejjet beda jitqies bħala kreditu tal-leġittimarju fil-konfront tal-werriet, u mhux aktar sehem *in re* fuq il-beni komponenti l-eredità[45], u dan b'effett ta' liġi espressa[46]. Preċedentement, kienet ġurisprudenza akkolta illi l-leġittima kienet dovuta *in natura*, u ċjoe' «*in piena proprietà senza alcun peso od altra condizione*»[47]. Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Avukat Dr Malcolm Mifsud noe vs. Jason Micallef***: «*għal żmien twil, il-liġi kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (quota bonorum) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (hereditatis portio) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem talleġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt . Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decujus*»[48].

42. Dwar il-mod kif jiġi kalkolat dan is-sehem riservat, id-dispożizzjoni l-aktar rilevanti hija l-artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili, li tgħid hekk:

> 620.(1) It-testatur ma jistax jgħabbi s-sehem riżervat b'xi piż jew kondizzjoni.
> (2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.
> (3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tal-tfal jew dixxendenti oħra.

[45] ***Carmelo Farrugia noe et vs. Concetta Mintoff et*** (Appell Superjuri, 10/6/1949 – Kollezz. Vol.XXXIII.i.472).
[46] Artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili.
[47] Ara d-deċiżjonijiet ***Marietta Ellul vs. Francesco Vella Zammit ed altri*** (Prim'Awla, 29/10/1913 - Kollezz. Vol.XXII.ii.114); ***Avvocato Enrico Carlo Vassallo nomine vs. Giuseppina Mallia ed altri*** (Appell Superjuri, 24/2/1930 – Kollezz. Vol.XXVII.i.451); ***Giuseppa Sammut vs. Grazia Refalo et*** (Prim'Awla, 30/6/1954 – Kollezz. Vol.XXXVIII.ii.551).
[48] 9/7/2015.

> (4) Dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.
> (5) Il-persuna li jkollha jedd għas-sehem riżervat għandha tieħu akkont tas-sehem tagħha kull beni mħollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja għal ebda dispożizzjoni testamentarja favur tagħha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' użu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta għal żmien limitat.

43. Il-liġi hija ċara meta tgħid li s-sehem riservat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funerali. Hija ċara wkoll meta tgħid li fl-assi, jidħol dak kollu li t-testatur ikun ta b'titolu gratwitu matul ħajtu favur xi ħadd, ad eċċezzjoni biss tal-ispejjeż tal-edukazzjoni tat-tfal jew tad-dixxendenti tiegħu.

44. Tqum għalhekk il-mistoqsija dwar iż-żmien li fih għandu jiġi kkunsidrat il-valur ta' dawk l-assi, u dan kemm b'riferenza għall-attiv li jkun fadal fil-massa ereditarja (*relictum*) u kemm b'riferenza għal dak il-ġid li jkun ġie donat matul il-ħajja tat-testatur. L-attur, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jgħid li ż-żmien rilevanti huwa dak tal-ftuħ tas-suċċessjoni, kemm fir-rigward tar-*relictum* u kemm fir-rigward tad-donazzjonijiet. Il-konvenuti, filwaqt li jaqblu li r-*relictum* għandu jiġi valutat b'riferenza għaż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni, isostnu li d-donazzjonijiet għandhom jiġu valutati b'riferenza għaż-żmien tad-donazzjoni stess.

45. Il-Qorti diġà rrilevat li saru emendi estensivi għall-mod kif għandha titqies in-natura tal-leġittima, jew sehem riservat, permezz tal-Att XVIII tal-2004. Minkejja dawn il-bidliet, il-mod kif ordinarjament jiġi kalkolat is-sehem riservat baqa' l-istess, tant illi l-ewwel erba' subinċiżi tal-artikolu 620 huma prattikament identiċi għal dak li qabel kien l-artikolu 318 tal-Ordinanza VII tal-1868[49]. Sabiex jiġi likwidat is-sehem riservat, trid qabel xejn issir ir-rikostruzzjoni tal-patrimonju tat-testatur, bil-mod preskritt mil-liġi. Kif sewwa rriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Carmela Farrugia ne et vs. Concetta***

[49] Għall-preċiżjoni, jingħad li l-ewwel subinċiż kien oriġinarjament jipprovdi wkoll, b'żieda mad-divjet lit-testatur li jimponi piżijiet jew kondizzjonijiet, li l-leġittima kienet dovuta in pjena proprjetà, kunċett li ġie superfluwu bl-emendi tal-2004.

***Mintoff et***[50]: «*Jekk wieħed jinterpreta letteralment l-artikolu ċitat mill-appellati nsibu illi l-leġislatur ried ir-rijunjoni fittizja, għal skop ta' leġittima, ta' dak kollu li t-testatur b'titolu gratuwitu, anki in kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, imbarra l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti oħra...*». Kienet ukoll ġurisprudenza akkolta li r-riunjoni fittizja li trid isseħħ sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-patrimonju tad-*de cuius* trid isseħħ b'riferenza għal dak iż-żmien li fih tkun infetħet is-suċċessjoni. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Michael Bonnici et vs. Reverendu Dun Francis Bonnici et***: «*Il-kriterju tal-valutazzjoni biex issir il-likwidazzjoni tas-sehem riservat għandu jkun kemm kien jiswa l-ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iż-żmien*»[51].

46. Hawnhekk għandha ssir riferenza għall-artikolu 648 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi għall-mod kif issir ir-rikostruzzjoni tal-patrimonju tat-testatur. Din id-dispożizzjoni ġiet, madanakollu, riformata fl-emendi li saru fl-2004. Fejn qabel dawn l-emendi kien jingħad espressament li oġġetti immobbli donati għandhom jiġu valutati fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni skont il-kondizzjoni li kienu fihom fiż-żmien tad-donazzjoni[52], illum il-liġi tgħid li l-oġġett donat għandu jiġi valutat fi żmien id-donazzjoni, u dan bla distinzjoni dwar jekk dak l-oġġett hux mobbli jew immobbli. Fil-fatt l-artikolu 648 jgħid hekk:

> 648. Biex jiġi stabbilit kemm għandu jkun dan it-tnaqqis, għandhom jitħarsu dawn ir-regoli li ġejjin:
> (a) għandha ssir ġabra tal-beni kollha li jkun hemm fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatgħu minnhom id-djun;
> (b) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni għandhom imbagħad jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni;
> (ċ) is-sehem li t-testatur seta' jagħmel minnu jinqies fuq l-assi hekk miġbur, billi jittieħed qies tal-jeddijiet ta' min mir-raġel u l-mara jibqa' ħaj skont l-artikoli 615 sas-639

[50] Appell Superjuri, 10/6/1949 – Kollezz. Vol.XXXIII.i.472.
[51] 25/7/2012.
[52] Sitwazzjoni li kienet veljanti wkoll taħt il-liġi Franċiża. «*Unendo l'immobile donato per atto tra vivi al beneficio netto della successione, lo si deve considerare come se fosse restato nelle mani del defunto. Da ciò ne risulta 1º doversi aver riguardo al di lui valore all'epoca della morte; cioè a quel valore istesso che senza la donazione si troverebbe di più nella successione: 2º doversi aver riguardo allo stato in cui si trovava al tempo della donazione, stante che, non avendo il defunto fatto alcun cambiamento, viene ad essere lo stato in cui si sarebbe trovato all'epoca della sua morte*» - ***Levasseur***, Porzione Disponibile (1806), pġi.68-69.

47. Il-liġi għalhekk hija ċara meta tgħid li l-ġid mogħti b'donazzjoni għandu jingħaqad mar-*relictum* skont il-valur meta saret id-donazzjoni.

48. Riċentement il-Qorti tal-Appell kellha okkażjoni biex tqis il-kwistjoni taż-żmien li fih għandu jiġi valutat ġid donat għall-iskop tar-riunjoni fittizja meħtieġa għall-komputazzjoni tas-sehem riservat. Fid-deċiżjoni ***Emanuel Psaila et vs. Roderick Psaila*** (Appell Superjuri, 6/6/2024) ġie osservat dan li ġej:

> 38. Illum il-liġi ma tagħmilx aktar distinzjoni bejn ħwejjeġ mobbli u ħwejjeġ immobbli u tagħmilha ċara li kull donazzjoni għandha tiġi stmata skont il-valur tal-ġid donat dakinhar tad-donazzjoni.
>
> 39. F'dan il-kuntest huwa minnu li hemm ġurisprudenza stabbilita li tgħid li sabiex tara jekk it-testatur iddisponiex minn aktar mis-sehem li seta' jiddisponi minnu, trid tqis il-valuri taż-żmien meta nfetaħ il-wirt; u jekk iżda ssib illi t-testatur tassew iddispona minn aktar mis-sehem disponibbli, il-kreditu tas-sehem riżervat għandu jinħadem fuq il-valur tal-ġid fiż-żmien li ssir il-likwidazzjoni minħabba li bejn iż-żmien tal-ftuħ talwirt u ż-żmien tal-ħlas tas-sehem riżervat, jaf jikber jew jiċkien il-valur tal-assi tal-wirt (ara ***Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).
>
> 40. Biss però din ir-regola tgħodd biss dwar dawk l-assi li jkunu għadhom fil-patrominju tal-mejjet dakinhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni tiegħu u mhux ukoll dwar l-assi mogħtija b'donazzjoni li ma jkunux għadhom aktar fil-patrimonju tal-mejjet. Tassew la għall-għanijiet tar-rijunjoni fittizja biex jiġi stabbilit jekk it-testatur xellifx is-sehem riżervat, il-liġi trid li d-donazzjonijiet għandhom jiġu stmati skont il-valur tagħhom, allura jagħmel sens li anke għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat, il-valur tad-donazzjoni għandu jinħadem fuq il-valur tal-oġġett fiż-żmien tad-donazzjoni u mhux fuq il-valur tal-oġġett fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat.
>
> 41. Qabel l-emendi tal-2004 kien forsi jagħmel sens li l-likwidazzjoni tas-sehem riżervat jinħadem fuq il-valur tal-oġġett donat dakinhar tal-likwidazzjoni. Dan għaliex sa qabel l-emendi, l-Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili kien jgħid li għall-għanijiet tar-rijunjoni fittizja, il-valur tal-oġġett immobbli mogħti b'donazzjoni kellu jinħadem skont il-valur tiegħu fil-mument tal-mewt tad-donatur u għalhekk il-benefiċjarju tas-sehem riżervat kien ħaqqu jirċievi ż-

żieda fil-valur tal-immobbli bejn iż-żmien li għadda mill-mewt tad-donatur sa meta ġie likwidat is-sehem riżervat tiegħu. Illum iżda din il-pożizzjoni ma tagħmilx aktar sens ladarba tajjeb jew ħażin, il-leġislatur dehrlu li jbiddel l-Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili sabiex il-valur tad-donazzjoni għall-għanijiet tar-rijunjoni fittizja jibda jinħadem fuq il-valur tal-oġġett fiż-żmien tad-donazzjoni tiegħu.

42. Din kienet il-fehma wkoll tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Carmelo sive Charles Calleja et v. Saviour Grima*** deċiża fil-21 ta' Lulju, 2021, li l-atturi appellanti għoġobhom isemmu fir-rikors tal-appell tagħhom. Fil-fatt din is-sentenza tmur eżattament kontra dak li l-atturi appellanti qegħdin isostnu fl-appell tagħhom għaliex f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ma biddlitx il-poiżizzjoni li kienet ħadet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha sa fejn kienet qalet illi l-valur tad-donazzjoni għandu jinħadem fuq il-valur tal-ġid dakinhar tad-donazzjoni.

49. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jargumenta illi l-artikolu 648 u l-kriterji elenkati fih jgħoddu u jiswew biss sabiex jiġi determinat jekk it-testatur ikunx iddispona minn ġid li jmur lil'hinn mis-sehem disponibbli tal-patrimonju tiegħu. Jgħid li fl-eżerċizzju tal-komputazzjoni tas-sehem riservat, il-ġid donat għandu jitqies skont il-valur tiegħu fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Huwa jsostni din is-sottomissjoni tiegħu b'riferenza għall-artikolu 620(3), li jgħid «*Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd...*», kif ukoll għat-test ingliż tal-istess dispożizzjoni, li tgħid «*There shall be included in the estate all the property disposed of by the testator under a gratuitous title...*». L-attur jgħid li l-liġi trid li l-proprjetà donata tiddaħħal fil-kalkolu tas-sehem riservat, u għalhekk huwa l-valur tal-proprjetà fiż-żmien tar-rijunjoni fittizja li jrid jitqies, u mhux il-valur fiż-żmien tad-donazzjoni.

50. Din id-distinzjoni magħmula mill-attur ma jidhirx li saret mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Psaila et vs. Psaila*** (fuq ċitata). Din il-Qorti ma taqbilx mal-attur li din id-distinzjoni għandha bażi fil-liġi.

51. L-iskop sħiħ tal-eżerċizzju kontenut fl-artikolu 648 huwa li l-patrimonju tal-mejjet jiġi rikostruwit sabiex jiġi determinat id-daqs tal-porzjoni disponibbli kif ukoll id-daqs tal-porzjoni riservata. Huwa hekk biss li jista' jiġi determinat jekk id-*de cuius* ikunx għamel

dispożizzjonijiet matul ħajtu jew wara mewtu li jeċċedu l-porzjoni disponibbli. Mela allura skop ta' dan l-eżerċizzju m'huwiex biss li jiġi determinat ġietx ivvjolata l-porzjoni riservata, imma li tiġi stabbilita l-konsistenza ta' dik il-porzjoni riservata għal finijiet u effetti **kollha** tal-liġi. B'dak sottomess mill-attur, il-konsegwenza tkun li l-porzjoni riservata u l-porzjoni disponibbli jiġu komputati b'modi differenti skont l-iskop tal-eżerċizzju – konsegwenza din li però mhux riflessa fil-liġi.

52. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-eżerċizzju tal-komputazzjoni tas-sehem riservat skont l-artikolu 620 tal-Kodiċi Ċivili jrid isir konformement mal-eżerċizzju kontenut fl-artikolu 648[53].

53. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jgħid ukoll li l-istima li ssir b'riferenza għaż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni hija utili u rilevanti biss sabiex jiġi determinat jekk it-testatur ikunx iddispona mill-ġid tiegħu oltre l-porzjoni disponibbli lilu. L-attur jissottometti li meta l-Qorti tiġi biex tikkalkola s-sehem riservat, hija għandha tistma l-patrimonju tal-mejjet skont il-valuri riportati fiż-żmien tal-likwidazzjoni. Biex isaħħaħ din is-sottomissjoni tiegħu, l-attur jagħmel riferenza għad-deċiżjoni ***Raffaele Vella vs. Salvino Vella et*** (Prim'Awla, 29/2/2016), u jikkwota estensivament minnha.

54. Din il-Qorti madanakollu mhux tal-fehma li d-deċiżjoni ċitata mill-attur tgħinu. Dan partikolarment għaliex dak il-każ kien jirrigwarda dritt ta' leġittima naxxenti minn eredità li nfetħet fit-2 ta' Mejju 2000, u li allura kien regolat bil-liġi posterjuri għal dik applikabbli għall-każ odjern. Il-Qorti taf li jeżisti korp ta' ġurisprudenza li stabbilixxa deroga għall-prinċipju li l-valuri rilevanti għal-likwidazzjoni tas-sehem riservat ikunu dawk eżistenti fiż-żmien tal-mewt tad-*de cuius*. Din il-ġurisprudenza, li kienet titratta fattispeċi preċedenti għall-emendi fuq imsemmija[54], kienet tipprovdi din id-deroga u eċċezzjoni fejn jinstab li seħħet leżjoni tal-porzjoni riservata mill-patrimonju tat-testatur, jew inkella fejn l-eredi jkun ittrasferixxa xi beni mill-eredita' qabel isseħħ dik il-likwidazzjoni. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-jedd tal-leġittimarju, **li f'dik l-epoka kien**

[53] Tal-istess fehma jidher li kien il-***Professur Victor Caruana Galizia*** li fin-noti tiegħu dwar il-liġi tas-suċċessjoni, kiteb: «*This important matter* [ċjoè l-komputazzjoni tal-leġittima] *is regulated by sections 657 and 684, et seq.; it will be dealt briefly here and more fully under the title on the abatement of testamentary dispositions exceeding the disposable portion*» (paġ.1,002). U minn dak li fittxet din il-Qorti, ma jidhirx li s-sottomissjoni tal-attur hija sostnuta minn xi fehma ta' awturi kontinentali jew xi ġurisprudenza.
[54] Ara per eżempju ***Mary Anne Zammit et vs. Antonia Ellul et*** (Appell Superjuri, 28/1/2005); ***L-Avukat Dr Chris Said noe et vs. Mary Abela pro et noe et*** (Appell Superjuri, 28/5/2010).

**jedd fuq il-ġid tal-mejjet**, ma setgħax jibqa' konsegwit kif imiss permezz t'assenjazzjoni ta' parti mill-beni ereditarji. Għalhekk il-jedd ta' *quota bonorum* talleġittimarju kien jiġi konvertit fi dritt ta' kreditu, u proprju għalhekk kien jittieħed qies tal-valuri fi żmien l' *aestimatio rei* – proprju għaliex id-dritt ta' kreditu jinħoloq b'effett tas-sentenza nnifisha, u għalhekk kien jiġi kalkolat skont il-valuri fiż-żmien li saret il-likwidazzjoni.

55. Din il-posizzjoni ġiet għal kollox abbandunata bl-emendi promulgati fis-sena 2004, għaliex il-jedd tal-leġittimarju huwa wieħed ta' kreditu *ab initio*, u ma jiġi konvertit f'ebda waqt. Għalhekk dak il-kreditu jiġi kalkolat skont il-valur tal-ġid fil-mument li jinħoloq dak id-dritt ta' kreditu, u ċjoè mal-apertura tas-suċċessjoni (ħlief għal ġid donat, li dwaru l-liġi tipprovdi regola differenti, kif rajna). Kemm hu hekk, l-artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili irendi d-dritt ta' kreditu tal-leġittimarju munit bl-imgħax legali sa mill-ftuħ tas-suċċessjoni jekk it-talba għall-ħlas tas-sehem riservat issir fi żmien sentejn mill-apertura tas-suċċessjoni. Dan hu hekk għaliex il-kreditu huwa fis-seħħ u eżistenti fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni, u għalhekk biss ikun suxxettibbli li jħalli l-imgħax.

56. L-attur, dejjem fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jagħmel riferenza wkoll għad-deċiżjoni ***Carmelo sive Charles Calleja et vs. Saviour Grima*** (Appell Superjuri, 21/7/2021), kif ukoll għad-deċiżjoni ***Christopher Brincat et vs. Emanuela Caruana*** (Prim'Awla, 27/4/2017). Dawn iż-żewġ każijiet kienu jirrigwardaw suċċessjonijiet regolati mil-liġi attwali, kuntrarjament għad-deċiżjoni ***Raffaele Vella vs. Salvino Vella et***, fuq ċitata.

57. Din il-Qorti fliet sewwa dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, u jkollha tistqarr li ma taqbilx magħhom, u jidher li l-konklużjoni milħuqa fihom kienet xprunata minn ġurisprudenza u dottrina li kienet tajba u valida taħt il-liġi l-antika, iżda li m'għadhiex rilevanti taħt il-liġi attwali. Fid-deċiżjoni ***Christopher Brincat et vs. Emanuela Caruana*** (Prim'Awla, 27/4/2017), din il-Qorti, kif diversament presjeduta, tenniet il-prinċipju:

> Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien

> li ssir il-likwidazzjoni[55]. Dan jgħodd kemm jekk is-sehem riżervat jingħata f'ġid mill-wirt u kif ukoll jekk jitħallas fi flus għaliex, "*jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja*"[56]

58. Fid-deċiżjoni ***Carmelo sive Charles Calleja et vs. Saviour Grima*** (Appell Superjuri, 21/7/2021) ingħad l-istess li ngħad fil-bran appena ċitat, u żdied jingħad «*Ladarba llum, bil-liġi li tgħodd għall-każ, is-sehem riżervat sar kreditu tal-wirt, din ir-regola tgħodd aktar u aktar*».

59. Din il-Qorti diġà osservat li l-ġurisprudenza taħt il-liġi l-antika kienet tapplika l-prinċipju li l-leġittima tiġi likwidata skont il-valuri l-aktar qrib iż-żmien tal-likwidazzjoni meta d-dritt tal-leġittimarju, li oriġinarjament kien dritt *in natura* fuq il-beni tal-mejjet, ikollu jiġi konvertit fi dritt ta' kreditu minħabba l-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-leġittimarju. Huwa proprju għalhekk li dik il-ġurisprudenza kienet qed tapplika l-valur fiż-żmien tal-konverżjoni tad-dritt tal-leġittima minn dritt *in re* għal dritt ta' kreditu, u dan sabiex il-leġittimarju ma jiġix preġudikat. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-leġittimarju kellu **dak iż-żmien** il-jedd li jieħu l-leġittima *in natura* u b'hekk jibbenefika minn kull żieda fil-valur tal-ġid tal-wirt prevalenti fiż-żmien tal-assenjazzjoni. Jekk dik l-assenjazzjoni *in natura* tiġi vjolata jew preġudikata mill-werrieta jew mit-testatur, il-leġittimarju jkollu jitħallas bi flus. Sabiex dan isir, id-dritt tiegħu *in re* fuq il-beni tal-wirt jiġi konvertit fi kreditu. U sabiex dak il-kreditu jkun jirrifletti s-sehem tal-leġittimarju li, sa qabel dik il-konverżjoni, kien wieħed *in re*, il-ġurisprudenza stabbiliet il-prinċipju li dak il-kreditu jiġi likwidat b'riferenza għaż-żmien tal-likwidazzjoni, inkella jiġi preġudikat id-dritt tal-leġittimarju.

60. Iżda dan kollu, wara l-emendi mwettqa bl-Att XVIII tal-2004, ma baqax jgħodd għaliex mal-mewt tad-*de cuius*, id-dritt li jikseb il-leġittimarju huwa minnufih dritt ta' kreditu

---

[55] Hawnhekk, dik il-Qorti għamlet riferenza għad-deċiżjoni ***Raffaele Vella vs. Salvino Vella et***, li kif rajna kienet tirrigwarda każ taħt il-liġi l-antika.

[56] Hawnhekk ukoll dik il-Qorti tiċċita mid-deċiżjoni ***Concetta Vella et vs. Giuseppe Bugeja et*** (Appell Superjuri, 10/12/1973 – mhux pubblikata), li ovvjament ukoll tirrigwarda każ taħt il-liġi l-antika.

li jakkrexxi ruħu bl-imgħax u mhux biż-żieda fil-valur tal-beni tal-wirt. Ma ssir ebda konverżjoni fid-dritt tal-leġittimarju u allura l-prinċipju tal-*aestimatio rei* ma jsib ebda applikazzjoni taħt il-liġi l-ġdida.

61. Għalhekk il-Qorti se tkun qed tikkomputa s-sehem riservat spettanti lill-attur billi tqis il-valur tal-assi li kienu jappartjenu lit-testatur fiż-żmien tal-mewt tiegħu, filwaqt li l-ġid donat minnu matul ħajtu se jiġi valutat skont iż-żmien tad-donazzjoni. Il-Qorti se tkun qed tistrieħ fuq il-valuri ndikati mill-perit tekniku nkarigat minnha u se tiskarta dawk il-valuri stmati minn periti mqabbdin mill-kontendenti, flimkien jew mhux. Dan għaliex il-prova mwettqa permezz ta' perizja teknika m'għandhiex titwarrab leġġerment, u lil din il-Qorti ma nġabitilha ebda raġuni li tiġġustifika mod'ieħor kif għandha tipproċedi.

62. Mill-provi rriżulta li t-testatur kellu kont bankarju wieħed f'ismu, li nfetaħ wara li mietet martu. Mir-rendikont eżebit, jirriżulta li f'dan il-kont ġew versati l-flus li kienu depożitati fil-kontijiet ta' martu, u li nofshom kienu diġà jappartjenu lill-kontendenti bħala werrieta tagħha. Dak in-nofs, la ma kienx jappartjeni lit-testatur għad illi kellu jedd għall-pussess tiegħu bħala użufruttwarju, m'għandux jiġi kalkolat għall-finijiet tal-komputazzjoni tas-sehem riservat. Meta miet it-testatur, dan il-kont kien fih €26,341.84. Eżami tar-rendikont relattiv juri li kien hemm numru ta' versamenti f'dan il-kont minn assi komuni tal-konjuġi Bonnici. Dawn il-versamenti huma s-segwenti: (i) €9,317.50; (ii) €6,241.41; (iii) €2,329.37[57]; (iv) €23,294 minn strument finanzjarju 4.8% MGS 2016 (II)[58]; u (v) €39,600 minn strument finanzjarju 5.1% MGS 2014 (III)[59]. Nofs dawn l-ammonti għalhekk għandhom jonqsu mill-bilanċ totali tal-kont ta' missier il-kontendenti, wara li jiġi magħdud nofs il-valur tal-istrumenti finanzjarji li kienu għadhom jeżistu fiż-żmien tal-mewt tat-testatur, u ċjoè €13,976.50.

63. Dan ifisser li b'kollox il-missier fil-mument tal-mewt tiegħu kellu €40,318.34. Minn dan l-ammont però jridu jonqsu dawk l-ammonti li kienu jappartjenu lill-werrieta ta' martu u li kienu għandu biss bis-saħħa tal-użufrutt li kellu hu. Dawn l-ammonti huma

57 Ilkoll murija fuq fol.149. Hemm xi ċifri żgħar ukoll indikati bħala ġbid mill-kont ta' Amelia Bonnici, li però l-Qorti qed tifhem li jirreferu għall-imgħaxijiet li kienu jispettaw lil żewġha bħala użufruttwarju.
58 Ara fol.200.
59 Ara fol.170, kif ukoll fol.65, li entrambi jirreferu għall-fidi tal-istrument finanzjarju in kwistjoni fis-7 ta' Lulju 2014.

dovuti mill-werrieta tiegħu, kif jipprovdi l-artikolu 329 tal-Kodiċi Ċivili, u jitnaqqsu mill-patrimonju tiegħu bħala debiti tal-eredità.

64. Niġu għall-immobbli.

65. Dawn l-immobbli li ġejjin kienu jappartjenu lill-mejjet fiż-żmien tal-mewt tiegħu, u għalhekk il-valur tagħhom se jiġi kkunsidrat skont kif kien fl-apertura tas-suċċessjoni:

(a) razzett b'art annessa miegħu ta' kejl superfiċjali ta' ċirka 3,536 metri kwadri magħruf bħala "Taż-Żilfa", li għandu n-numru 310 fi Triq San Tumas, Tarxien - €3,016,400
(b) sehem ta' żewġ kwinti ($^2/_5$) indiviżi minn fond bl-isem "St Mary" bin-numru 68, fi Triq Simmons, Tarxien - €44,000
(c) fond bin-numru 65, fi Triq Simmons, Tarxien - €60,400;
(d) fond bin-numru 66, fi Triq Simmons, Tarxien - €131,700
(e) art magħrufa bħala l-Isqajjaq t'Isfel, fit-Triq tal-Barrani f'Tarxien tal-kejl superfiċjali ta' 481.10 metri kwadri - €19,800
(f) dritt ta' dirett dominju fuq numru ta' proprjetajiet, li kumplessivament jammontaw għal €150.09, li kapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jġibu l-valur kumplessiv ta' €3,001.89[60].

66. Id-dar residenzjali tad-*de cuius* u ċjoè l-fond bin-numru 42, fi Triq Birzebbugia, Tarxien kien stmat mill-perit tekniku bil-valur ta' €195,000 fiż-żmien tad-donazzjoni.

67. Dan kollu jġib ammont kumplessiv ta' €3,510,620.

68. Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas l-ispejjeż tal-funeral li ammontaw għal €1,912.72[61], kif ukoll id-djun dovuti mit-testatur. F'dan il-każ, il-Qorti diġà rrilevat li huma djun tal-eredità dawk l-ammonti li kienu versati fil-kontijiet tat-testatur iżda kienu jappartjenu wkoll lill-martu u lill-eredi tagħha, fosthom l-attur stess. Jekk dawn l-ammonti, kif soġġetti għall-użufrutt li kien imiss lill-armel ta' Amelia Bonnici, ġew

[60] Ara r-relazzjoni tal-perit tekniku, a fol.584.
[61] Ara fol.212.

minnu konsumati, għandhom jiġu restitwiti lis-sidien mat-tmiem tal-użufrutt, kif tgħid il-liġi, u dan l-obbligu llum jispetta lill-werrieta tal-użufruttwarju. Dan però m'huwiex il-mertu tal-kawża odjerna. Minn dak li rat il-Qorti, nofs l-ammonti versati fil-kontijiet tal-missier u allura appartenenti lill-werrieta ta' Amelia Bonnici, jiġi €40,391.14. Dan l-ammont, bħala dejn tal-wirt, ma jiġix komputat is-sehem riservat fuqu. Dan, naturalment, salv u impreġudikat kull jedd tal-attur għal sehmu minn dawn l-ammonti bħala werriet t'ommu.

69. Għalhekk wara li jsiru d-deduzzjonijiet neċessarji, il-patrimonju li fuqu għandu jinħadem is-sehem riservat jammonta għal €3,468,316.

70. It-testatur kellu tliet ulied, u għalhekk sehem l-attur huwa parti minn disa' ($^{1}/_{9}$) minn dan l-ammont, u ċjoè €385,368.46.

71. Tifdal biss il-kwistjoni tal-imgħaxijiet.

72. Il-Qorti diġà rrilevat li taħt il-liġi l-ġdida, l-imgħax huwa l-mod kif il-leġittimarju jiġi kumpensat għaż-żmien meħtieġ sabiex jiġi likwidat dak dovut lilu skont il-liġi mill-eredità in kwistjoni. Dan kuntrarjament għall-pożizzjoni taħt il-liġi l-antika, fejn il-leġittimarju kien igawdi mill-akkrexximent fil-valur tal-beni tal-wirt li minnhom huwa kellu sehem *in natura* (ara wkoll f'dan is-sens ***John Ellul vs. Maria Parnis et***, Prim'Awla, 15/6/2023). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti jsostnu li huma ma mxewx abbużivament fil-konfront tal-attur, u anki ddepożitaw somma li tqarreb lejn l-ammont tas-sehem riservat fir-Reġistru tal-Qorti.

73. Il-Qorti ma jidhrilix li, sabiex jiġi mpost l-imgħax fit-termini tal-artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili, huwa meħtieġ li jintwera li l-werriet obbligat li jħallas is-sehem riservat ikun mexa dolożament jew *in mala fidei*. Fejn ikun il-leġittimarju li jkun irraġjonevoli billi jeżiġi ħlas ta' somom eżorbitanti, l-werriet jista' jeħles mill-effetti tal-imgħax billi jiddepożita l-ammont li skont huwa jkun jirrappreżenta l-ammont dovut minnu fir-Reġistru tal-Qorti.

74. Il-konvenuti jgħidu li huma ddepożitaw is-somma ta' €321,970 fir-Reġistru tal-Qorti[62]. Għalkemm ma jidhirx li kopja ta' din iċ-ċedola ta' depożitu ġiet eżebita, din il-Qorti xorta setgħet tieħu konjizzjoni tagħha u taraha, billi huwa prinċipju miżmum li l-atti depożitati fir-Reġistru tal-Qorti jikkostitwixxu prova mingħajr il-ħtieġa ta' eżibizzjoni formali (ara per eżempju ***Anthony Micallef et vs. Paul Balzan et***, Appell Superjuri, 24/11/2017). Fil-fatt jirriżulta li fit-2 t'April 2019, il-konvenuti ppreżentaw ċedola ta' depożitu bin-numru 628/2019 fir-Reġistru ta' din il-Qorti, liema ċedola ġiet notifikata lill-attur. Ma jidhirx li l-attur żbanka l-import ta' din iċ-ċedola. Il-Qorti setgħet tinnota li dan l-ammont ġie depożitat «*a saldu tad-drittijiet ta' l-istess Carmelo Bonnici*».

75. La darba l-ammont li offrew il-konvenuti lill-attur kien offrut bil-kondizzjoni li jkun għas-saldu ta' dak dovut lilu, u la darba rriżulta li l-attur kien imissu aktar mill-ammont offrut lilu għas-saldu, għandu jsegwi li l-ammont depożitat mill-konvenuti ma jekwivalix għall-pagament[63], u għalhekk l-imgħaxijiet fuq l-ammont dovut lill-attur bħala sehem riservat baqgħu mexjin.

76. Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel talba u għalhekk tistabbilixxi l-konsistenza tal-eredità ta' Amelia Bonnici bħala konsistenti minn:

- kwart ($^1/_4$) indiviż mill-fond bin-numru 24, ġjà 103, Triq Bordin, Imsida;
- sehem wieħed minn erbgħa u erbgħin ($^1/_{44}$) indiviż mill-fond bin-numru 23, ġjà 101, Triq Bordin, Imsida;
- flus li kienu miżmuma f'diversi kontijiet għand HSBC Bank Malta plc u li flimkien u kumplessivament jammontaw għal €9,345.52;
- 18,635 sigurtajiet tat-tip 5.1% MGS 2014 (III);
- 2,329.5 sigurtajiet tat-tip 5% MGS 2021;
- 11,647 sigurtajiet tat-tip 4.8% MGS 2016 (II);

[62] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-konvenut, a fol.309.
[63] Ara l-artikoli 1173, 1174 u 1175 tal-Kodiċi Ċivili.

- 3,000 sigurtajiet tat-tip 4.6% MGS 2020 (II).

(ii) tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet tal-attur;

(iii) tilqa' r-raba' talba u tistabbilixxi l-konsistenza tal-eredità ta' Francesco Saverio Bonnici skont dak ikkunsidrat fil-paragrafi tnejn u sittin (62) sa disgħa u sittin (69) ta' din is-sentenza;

(iv) tilqa' l-ħames talba u tillikwida l-valur tal-istess assi u tiffissa l-porzjoni riservata lill-attur mill-eredità ta' Francesco Saverio Bonnici fl-ammont ta' tliet mija ħamsa u tmenin elf tliet mija tmienja u sittin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€385,368.46);

(v) tikkundanna lill-konvenuti jħallsu dan l-ammont lill-attur, flimkien mal-imgħaxijiet legali b'effett mis-26 t'Ottubru 2017 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(vi) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu in kwantu għal żewġ kwinti ($^{2}/_{5}$) għall-attur u in kwantu għal tliet kwinti ($^{3}/_{5}$) għall-konvenuti.

Jibqa' mpreġudikat id-dritt tal-attur li jitlob il-qsim sħiħ tal-eredità ta' Amelia Bonnici, li l-konsistenza tagħha ġiet stabbilita b'dina s-sentenza, kif ukoll li jitlob sehmu minn kull somma kapitali provenjenti mill-eredità ta' Amelia Bonnici u li ġiet konsumata mill-użufruttwarju Francesco Saverio Bonnici.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur